MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Numru 378/2001

**Il-Pulizija**
(Supt. Alessandra Mamo)
**vs**
**Adrian Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Adrian Pisani ta' 32 sena, bin Alfred u Josephine nee' Cassar, imwieled Sliema nhar it-30 ta' Settembru 1968 u residenti gewwa numru 100, Triq is-Sirk, Swieqi, Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 407468(M);

Talli:-

F'dawn il-Gzejjer, fl-ahhar snin qabel id-data tad-19 ta' Gunju 2001 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

Talli appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal-persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha flejjes li jammontaw ghal-aktar minn LM 4,000 liema flejjes jappartjenu lis-Socjeta' Francis Busuttil and Sons (marketing) Ltd; li kienet Francis Busuttil & Sons Limited, liema flejjes kienu gew fdati lilu bl-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan ir-reat sar minhabba l-professjonni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-notat ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi tratta bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni u xi ggib warajha.

Issibu hati.

Rat l-artikli 293 u 294 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat wkoll l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446.

Stante il-fedina pedina ta' l-akkuzat li hi nadifa ghal kollox, waqt li ssibu hati tilliberah taht il-provedimenti ta' l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446 b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u tordnalu li jhallas lis-Socjeta' Francis Busuttil and Sons (Marketing) Ltd., is-somma ta' erbat elef lira Maltija (LM 4,000).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------